MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 145/2009

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Dr. Beppe Fenech Adami nominat bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Jean Pierre u Sylvana mizzewgin Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat iz-17 t'April, 2009, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lill-kuratur deputat nomine fuq indikat biex jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex tikkundannah:

1. Illi jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disat elef, mitejn u hamsa u sebghin Ewro u erbgha u sittin centezmu, (€9,275.64), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan*

*Accounts*" tieghu mal-*Bank of Valletta p.l.c.* (Dok. "A1 sa A4", "B1 sa B2", "C1 sa C2", u "D1 sa D32") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-2 t'April 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema self gew moghtija lill-Jean Pierre u Sylvana mizzewgin Caruana permezz ta' skrittura privata datata fil-15 t'April 2003 (Dok. "E"). U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikati u cioe` Dok. "E" partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Jean Pierre u Sylvana mizzewgin Caruana:

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura; u

(b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skrittura sopraindikata; u/jew

(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici u b'hekk il-konvenuti ddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fis-7 t'Awwissu 2007 (Dok. "F") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra Dr. Beppe Fenech Adami nomine li huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-kuratur deputat nomine datata iz-17 ta' Gunju, 2009 li permezz taghha irrisponda bil-mod segwenti:

1. Illi huwa m'hux edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizerva illi jipprezenta nota tal-

eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba huwa jigi edott mill-fatti;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhud prodott;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti;

Tirrileva li r-rapprezentant legali tal-intimati ma deherx ghall-udjenza appozitament rizervata ghat-trattazzjoni finali;

Ikkunsidrat:

Illi l-intimati Jean Pierre u Sylvana konjugi Caruana effettwaw self mis-socjeta` rikorrenti fl-ammont indikat fir-rikors promotur u bil-modalitajiet hemm indikati;

Illi nonostante l-obbligi assunti mill-istess intimati dawn ma ottemporawx ruhom mal-istess;

Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti ma kellha l-ebda alternattiva hlief li tipprocedi bil-kawza odjerna biex tittutela d-drittijiet taghha;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u:

1. Tiddikjara lill-intimati Jean Pierre u Sylvana konjugi Caruana debituri tas-socjeta` rikorrenti *Bank of Valletta p.l.c.* fl-ammont indikat fir-rikors promotur ta' disat elef, mitejn u hamsa u sebghin Ewro u erba' u

sittin centezmu, (€9,275.64), ***flimkien mal-imghax ulterjuri mit-2 t'April tas-sena 2009 sad-data tal-effettiv pagament*** u dan, ghar-raguni hemm esposta;

2. Tikkundanna lill-istess intimati u lill-Kuratur Deputat nomine imsemmi fl-istess rikors promotur biex ihallsu l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk indikati fl-istess rikors promotur mis-7 t'Awwissu, 2007, skont il-ligi.

Marica Sammut
Deputat Registratur

*zieda awtorizzata b'digriet datat it-22 ta' Frar tas-sena 2010

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------